**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-06 ta' Lulju, 2018.**

**Talba Numru: 108/2018 AM**

**Numru fuq il-Lista: 30**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Skyparks Business Centre,**

**Malta International Airport,**

**Luqa LQA 4000**

**Vs**

**Leanne Calleja (295988M)**

**5, Flat 2, 7 ta' Lulju,**

**Triq it-Tankijiet,**

**Birzebbugia**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba u l-affadavit ta' Dr Jeremy Debono prezentati kontestwalment mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Marzu, 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenuta s-somma ta' tmien mija u hamsa u sebghin ewro u sebgha u sittin

centezmu (€875.67c) rapprezentanti servizzi rezi u prodotti provduti in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11013223 fuq talba u a beneficcju tal-istess konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, il-konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret hadd ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici a fol 3.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u sebghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€875.67c) bl-imghax legali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**